MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 660/2003/1

**Pierre Vella u b' digriet tas-6 ta' Mejju 2003 it-Tribunal jordna l-korrezzjoni billi ma' isem l-attur jizdied l-isem Maria Carmela Vella, martu.**

**vs**

**ST Microelectronics (Malta) Limited**
**gia SGS-Thomson Microelectronics (Malta) Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Dicembru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' April, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u erbgha u tmenin lira Maltin (Lm1284.00) cioe' l-ekwivalenti ta' Liri Sterlini elfejn

u hamsa u hamsin (GBP 2055.00) rapprezentanti nofs is-somma mhallsa mill-attur rigwardanti Engineering u Manufacturing Course u li s-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li thallas permezz ta' ftehim bil-miktub datat 27 ta' Mejju tas-sena 1997.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fit-22 ta' April, 2003 fejn intqal:
1. Illi l-gudizzju mhux integru.
2. Illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semgha x-xhieda ta' Dr John Buttigieg, Pierre Vella, Vince Moore, Joseph Grech, Antonio Portughese. Ra l-atti u d-dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-noti ta' sottomissjonijiet estensivi tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:
1. L-attur qed jitlob rifuzjoni ta' hlas rapprezentanti nofs is-somma mhallsa minnu biex jattendi course dwar *engineering u manufacturing.*
2. Is-socjeta' konvenuta qed tghid illi l-gudizzju mhux integru. F'dan ir-rigward din l-eccezzjoni giet sorvellata billi saret il-korrezzjoni opportuna fl-okkju.
3. Is-socjeta' konvenuta qed tecepixxi wkoll il-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni bid-dekors ta' hames snin.
*4.* Jirrizulta illi l-attur kien jahdem mas-socjeta' konvenuta u kien sar "contract of service" datat 27 ta' Mejju 1997 fejn inghad fost ohrajn *"at end of probation the company agrees to sponsor half the expenses on completing your engineering and manufacturing course."*
*5.* L-attur spicca l-kors f'Novembru 2001. Il-kors kien imqassam f'modules u tezi. Skond l-attur fis-sena 2002 kien tkellem ma' Vince Mayone l-Manager tieghu biex jara

dwar il-hlas u skond l-attur f'Jannar 2003 dan qallu li m'ghandux ikun hemm problema.

*6.* Fil-frattemp inqala' illi l-attur gie offrut post ma' kumpanija ohra u hu qal lil Vince Mayone li kien qed jirrezenja. Sussegwentement l-attur kien gie nfurmat li s-socjeta' konvenuta ma kienetx ser thallsu peress illi kwalunkwe dritt ghall-azzjoni kien preskritt. L-attur kien effetwa l-ahhar hlas ghall-kors f'Ottubru, 2000.

*7.* Vince Mayone jikkonferma li l-attur kien qallu li kien ser jirrezenja mill-kumpanija, pero' jghid li kien sussegwentement ghal dan illi hu talab il-hlas. L-istess Mayone kien ser jirreferi l-kwistjoni lil Tonio Portughese. Sussegwentement hu jikkonferma li kien Portughese li gharraf lil H*uman Resources Section Manager* Joe Grech li l-kumpanija ma kienetx ser thallas.

*8.* Jirrizulta illi l-attur qatt ma pprezenta l-invoices lis-socjeta' konvenuta.

*9.* Tonio Portughese Direttur tas-socjeta' konvenuta kien specifiku meta qal li l-ftehim ma' l-attur kien li wara li jaghlqu s-sitt xhur tal-probation il-kumpanija kienet ser tisponsorja nofs il-kors, u l-attur kellu jipprezenta l-ircevuti. Jirrizulta illi wara l-impjieg tieghu nkluz il-probation period l-attur dam xi sitt snin impjegat mas-socjeta' konvenuta u kien biss meta rrezenja, jew wasal biex jirrezenja mill-kariga illi talab ghal hlas. Portughese jghid illi fil-fatt lilu ma saritlu ebda talba ghal hlas matul is-sitt snin.

10. Is-socjeta` konvenuta targumenta illi l-attur kellu l-jedd illi jitlob il-hlas ta' nofs l-ispiza sa sitt xhur wara s-27 ta' Mejju 1997, cioe' sas-27 ta' Novembru, 1997, cioe` illi l-attur kellu dan il-jedd ta' azzjoni sas-27 ta' Novembru, 2002. It-Tribunal innota dak li gie sottomess mill-abbli difensur tal-attur fir-rigward, fis-sens li l-eccezzjoni tirrigwarda l-intier tat-talba.

11. Kif rilevat mid-difensur tal-attur fin-nota tieghu l-Artikolu 728 tal-Kap.12 jesigi illi kull eccezzjoni, kemm dawk ta' natura dilatorja kif ukoll dak fuq il-mertu, ghandhom jitqajjmu jew fin-nota ta' eccezzjonijiet jew fir-risposta, filwaqt illi t-tieni subinciz tal-istess Artikolu jiddisponi illi l-ebda eccezzjoni ohra ma tista' titqajjem sakemm, fil-fehma tal-Qorti, ma kienx hemm ragunijiet validi ghaliex tali eccezzjonijiet ma gewx formalment eccepiti fir-risposta.

12. Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront ta' parti mill-ammont, ma hemmx dubbju li tali eccezzjoni tista' titqajjem f'kull stadju tal-proceduri, u dan skond id-dettami tal-Artikoli 731 tal-Kap.12 u l- Artikolu 2112 Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, pero` tali eccezzjoni kellha titqajjem formalment, u mhux fin-nota ta' osservazzjonijiet. it-Tribunal lanqas ma ghandu s-setgha li jqajjem minn jeddu tali eccezzjoni, meta din ma gietx moghtija skond kif titlob il-ligi (cf Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) Fogg Insurance Agencies Limited et. vs Raymond Azzopardi 25 ta' Frar 2004). Hekk inghad f'din is-sentenza:
"Jinsab provvdut fl-Artikolu 728 (1) tal-Kap 12 illi l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jinghataw f'nota ta' l-eccezzjonjiet jew f'risposta skond il-kaz. Strettament ghalhekk l-eccezzjonijiet illi ma jinghatawx, skond kif hawn preskritt, ma jistghux jitqajmu la f'nota ta' l-osservazzjonijiet u lanqas f'dibattitu orali ghaliex altrimenti l-Qorti ma tiddecidihomx (Ara Kollez. Vol.XXXIV p.I p.410 u Vol.XXXVIII p.II p.583)"
13. Tenut kont ta' dak li ntqal ghalhekk ma jirrizultax li l-azzjoni hija preskritta.
14. Fil-meritu jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kellha obbligu car fil-konfront tal-konvenut, u dana kien: "*to sponsor half the expenses <u>on completing</u> your Engineering & Manufacturing Course"*. It-Tribunal qed jissottolinea l-kliem partikolari li huma indiraizzati principalment sabiex jassiguraw li l-hlas isir biss kemm il-darba jigi konkluz il-kors.
15. Jirrizulta li tassew illi saru diversi pagamenti skond id-Dok.CU2 sa CU11. L-attur bi dritt qed jitlob nofs l-ammont skond il-ftehim li kellu mal-istess socjeta` konvenuta u dana fl-ammont ta' elf mitejn u erbgha u tmenin lira Maltija (Lm1284.00).

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li l-azzjoni hi preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf mitejn u erbgha u tmenin lira Maltija (Lm1284.00).

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.”

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza f’ dawn it-termini:-

(1) It-Tribunal kien zbaljat meta cahad il-preskrizzjoni sollevata minnha fuq il-presuppost li din tqajmet f’ nota ta’ l-osservazzjonijiet u mhux ukoll permezz ta’ eccezzjoni vera u proprja. Dippju l-attur naqas f’ kull kaz li jezercita d-dritt tieghu ghall-kumpens fl-ahhar tal-*probation* (27 ta’ Novembru 1997) u ghalhekk l-azzjoni tieghu ntavolata fit-2 ta’ April 2003 tinsab preskritta;

(2) Fil-meritu, l-ammont ma kienx dovut skond l-ahhar kazistika fuq il-materja, ossija s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta’ l-24 ta’ Mejju 2002 fil-kawza fl-ismijiet “Café Bar (Malta) Limited -vs- Alfred Caruana”;

Telegrafikament, il-fatti li taw lok ghall-kawza in ezami kienu dawn:-

(i) B’ kuntratt ta’ servizz datat 27 ta’ Mejju 1997 (fol. 13) l-attur gie ingaggat bhala inginjier mas-socjeta` konvenuta, suggett ghall-perijodu ta’ *probation* ta’ sitt xhur. F’ dan il-kuntratt giet aggunta stipulazzjoni li tghid “*At end of probation the Company agrees to sponsor half the expenses in completing your Engineering & Manufacturing Course*”;

(ii) Skond id-deposizzjoni ta’ l-attur (fol. 20) il-kors imsemmi kien beda fuq bazi *part time* ma’ Coventry University f’ Novembru 1996 u ntemm f’ Novembru 2001. Huwa kien effettwa l-ahhar hlas ta’ dan il-kors f’ Ottubru 2000;

(iii) Jirrizulta li l-attur dam sitt snin impjegat mas-socjeta` konvenuta. Ara xhieda ta’ Joseph Grech a fol. 38;

(iv) Fl-2002 l-attur talab il-hlas ta’ nofs l-ispiza tal-kors izda gie informat li l-kumpanija tieghu ma kienetx ser thallas ghax it-talba tieghu kienet preskritta. Ara deposizzjoni ta’ l-Avukat John Buttigieg (fol. 11);

(v) Fl-2003 l-attur irrizenza minn mal-kumpanija billi fi kliemu stess “jiena gejt offrut xoghol ma’ organizzazzjoni ohra” (fol. 18);

Precizati dawn il-fatti, huwa konvenjenti qabel ma jigi kkunsidrat l-ilment principali riferibilment ghall-preskrizzjoni illi tigi mwarrba minn nofs is-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti fl-ahhar parti tar-rikors ta’ l-appell taghha. Apparti li l-materja hekk bazata fuq id-decizjoni citata ma gietx trattata mit-Tribunal fis-sentenza mpunjata, l-istess ma tistax tikkwalifika ghall-attenzjoni ta’ din il-Qorti dwarha. Fil-verita`, xejn kuntrarju ma jista’ jinghad minn dik id-decizjoni, citata mis-socjeta` appellanti, ghax ic-cirkostanzi ta’ dik il-kawza ma kellhom assolutament x’ jaqsmu xejn ma’ dawk tal-kaz prezenti. F’ dik il-kawza l-konvenut Alfred Caruana ma ppresta ebda servizz lis-socjeta` attrici. Mhux hekk hu l-kaz hawnhekk billi kif kjarament jirrizulta, l-attur odjern dam fl-impjieg mas-socjeta` appellanti ghal sitt snin shah. Ghaldaqstant dik is-sentenza b’ dawk il-fatti, hekk *toto coelo* diversi mill-fatti tal-kaz prezenti, ma tistax tiggjova lis-socjeta` appellanti. L-aggravju fir-rigward qieghed ghalhekk jigi respint;

Ghar-rigward ta’ l-ilment relattiv ghall-preskrizzjoni din il-Qorti tibda biex tirregistra, b’ osservazzjoni illi din il-kwestjoni giet sollevata mis-socjeta` appellanti permezz ta’ eccezzjoni formali u mhux sempliciment f’ nota ta’ osservazzjoni kif donnu ssuggerixxa t-Tribunal adit. Ferma din il-precizazzjoni, ir-rizoluzzjoni ta’ l-istess kwestjoni tiddependi fuq l-interpretazzjoni li trid tinghata lill-istipulazzjoni agguntiva, fuq riportata, ghal kuntratt ta’ servizz;

Ma jista' qatt ikun dubitat illi din l-interpretazzjoni ghandha twassal ghar-rikostruzzjoni tal-vera volonta` kontrattwali tal-partijiet ossija l-manifestazzjoni ta' l-intenzjoni komuni reali tal-kontraenti. Ghalhekk fl-indagini ta' din l-intenzjoni wiehed ghandu jirricerka dawk l-aspetti ta' l-intenzjoni rispettiva taghhom konfluwiti fil-volonta` negozjali ta' bejniethom u hekk kostitwenti l-ligi tal-kuntratt, kif a propozitu jippreciza l-Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili. Anke meta wiehed jadopera l-kriterji ermenewtici maghrufa ma ghandu qatt jintnesa li l-pattijiet ghandhom dejjem jigu esegwiti bil-bona fede u, fuq kollox, interpretati b' mod ragonevoli skond l-intenzjoni tal-kontraenti meta ftehmu u skond it-tifsira reali tal-kliem;

Fil-hsieb ta' din il-Qorti l-interpretazzjoni l-aktar awtentika u l-izjed attinenti ghal presumibbli volonta` tal-partijiet u tas-sens prattiku hi dik li l-istipulazzjoni pattwita kienet intiza li tfisser illi l-kumpanija kienet qed taccetta b' obbligazzjoni li tisponsorja l-kors segwit mill-attur appallet. Il-logika guridika tiddetta illi din l-istess obbligazzjoni kellha tindhol in essere wara li jintemm il-perijodu tal-*probation*. Ir-raguni hi pjuttost ovvja. F' dak il-perijodu tal-*probation* l-impjegat ikun ghadu taht prova u l-impjieg tieghu *whole time* jkun ghadu incert. Kien ghalhekk ragonevolment mistenni illi l-obbligazzjoni assunta mill-kumpanija appellanti tiskatta wara li jintemm il-perijodu prefiss tal-*probation*;

Huwa mbaghad intwittiv illi dik l-istess obbligazzjoni, fil-kollokazzjoni gusta tal-ftehim, kienet, fl-intenzjoni komuni ta' kif zvolga ruhu r-rapport bejn il-partijiet mahsuba li tibqa' operanti sakemm l-attur appellat jikkompleta u jtemm il-kors tieghu b' success. Effettivament, dan l-indizju, hekk ghal kollox deciziv ghal finijiet tad-determinazzjoni tad-"*dies a quo*", jirrizulta wisq logiku mit-test ta' l-istess stipulazzjoni;

Ferma din il-konsiderazzjoni, dan igib li l-*initium praescriptionis* li jsemmi l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili, beda minn dakinhar ta' l-*exordium obligationis*, jigifieri

minn meta l-kreditu sar esigibbli ma' l-ikkompletar tal-kors f' Novembru 2001. Li jfisser li d-*dies a quo* fil-kaz prezenti jikkoincidi ma' dak it-terminu meta tinsorgi l-obbligazzjoni. Kif saput, il-preskrizzjoni ma tibdiex tghaddi jekk id-dritt hu sottopost ghal kondizzjoni sospensiva jew wahda bi zmien. Terminata l-kawza mpeditiva ta' indoli guridika l-azzjoni setghet tigi ezercitata, kif fil-fatt giet ezercitata mill-attur appellat f' dan il-kaz, entro t-terminu preskrittiv ta' hames snin li jsemmi l-Artikolu 2156 (f) eccepit mis-socjeta` appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra is-socjeta` konvenuta appellanti. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------